**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2020.</u>**

**<u>Rikors nru: 529/2019 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 18 ta' Novembru 2019, fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma dan li gej;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar l-1 ta' Mejju tas-sena 1982 certifkat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet tifla, EB, li hija maggorenni;

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat 12 ta' Lulju 2012, in atti tan-nutar Dr John Gambin – kopja annessa u mmarkata Dok. B;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. In oltre qed jigi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
6. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tiddikjara z-zwieg tieghu minn mal-intimata, CD, bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.
    b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra id-divorzju tal-partijiet fir-registru pubbliku skont il-ligi.

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti rat li wara diversi tentattivi ghall-notifika ta' CD anke permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, l-intimata, ghalkemm debitament notifikata, xorta wahda ma pprezentatx risposta.

Illi ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez a karigu tal-intimata CD.

| | |
|---|---|
| **Imhallef** | **Cettina Gauci** |
| **Anthony G. Vella** | **Dep Reg** |